MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 359/2013

Appell Nru: 359/2013

Il-Pulizija

[Spettur Malcolm Bondin]

Vs

Massimo Bonello

Illum, 26 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Massimo Bonello, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 522073M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gżejjer, nhar il-5 ta' Novembru 2011, u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data f'ħinijiet differenti:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għal- kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'opra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għal- kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Għandhom X'jaqsmu Magħha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal- Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad- dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni jew għal- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'opra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx għal- uzu esklussiv tiegħu;

5) Kellu fil-pussess tiegħu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni specjali bil- miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad- dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

6) Kellu fil-pussess tiegħu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Kellu fil-pussess tiegħu medicina psikotropika u speċifikata (amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

8) Fl-ahhar nett talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna lill- imputat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal- hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Lulju, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l- Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii), kif ukoll it- tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal- Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imputat mhux hati tas-seba' imputazzjoni u illiberatu minnha, filwaqt illi sabithu hati tal- ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u t-tminn imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu, u ikkundannatu għal-piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l- hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita u ta' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il- harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Massimo Bonello, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mis-sebgha imputazzjoni u fejn sabithu hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, s-sitt u t-tminn imputazzjoni, u tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta' tlett snin prigunerija effettiva u multa ta' elfejnu mitejn Ewro (€2,200) u minflok tipprovdi ghal-piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-seduta li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti nhar il-15 ta' Gunju, 2013, id-difiza u l-prosekuzzjoni qablu li, wara li l-imputat jirreġistra l-ammissjoni tiegħu, issir sottomissjoni in open court sabiex tiġi ssuġġerita piena idoneja fit-totalita' tac-cirkostanzi, kif fil-fatt sar.

Illi fuq l-iskorta ta' dan il-qbil, id-difiza u l-prosekuzzjoni kolleggjalmet ghamlu verbali li l-piena ghandha tkun dik ta' tmintax-il xahar priġunerija, oltre l-multa tassattiva, iżda stranament u b'mod mill-aktar sorprendenti dan il-verbal ma ġiex reġistrat fl-atti ta' dawn il-proċeduri, u dwar dan jista' jixhed ulterjorment l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Malcolm Bondin.

Illi fl-ghoti tal-gudizzju taghha, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deherilha li ghandha tiddepartixxi minn dak li kien gie pattwit miz-zewg partijiet quddiemha, u kkundannat lill-appellant ghad-doppju tat-terminu ta' priġunerija, tlett snin effettivi, flimkien ma multa ta' €2,200.

Illi din is-sentenza mhux biss issorprendiet lill-appellant, iżda anke lill-uffiċjal prosekutur.

Illi huwa minnu li l-istitut tal-plea bargaining quddiem il-Qrati inferjuri mhuwiex regolat bil-ligi.

Illi in effettidan l-istitut gie introdott fil-ligi penali taghna bl-artikolu 435A tal-Att III tas-sena 2002.

Illi sfortunatament din l-emenda tapplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi imbghad l-Artikolu 393A(5) jestendil-applikazzjoni tal-artikolu sureferit ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti Struttorja qabel ma l-akkuzat iwieġeb għal-mistoqsija huwiex hati jew m'huwiex hati.

Illi jerga' jinghad per sfortuna li dawn l-emendi ma jirrferux ghall-proceduri quddiem Qrati Inferjuri fil-vesti taghhom bħala Qrati ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi detto tutto cio, ghandu jiġi rilevat li kienet ilha l-prassi quddiem dawn il-Qrati li jsir patteggjament mhux formali u allahares kienmod iehor ghaliex kieku hafna kawżi li jistghghu jiġu konklużi b'mod spedit jibqghu jiddilungaw ruhom inutilment a preġudizzju tal-istess retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi dan kollu jinghad fl-isfond tal-kooperazzjoni shiha tal-imputat, kemm matul l-interrogatorju u l-istadju tal-investigazzjoni, u anke sussegwentement matul il-proceduri fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn l-imputat irreġistra ammissjoni ferm bikrija, fejn huwa stess talab lil Qorti tghaddi ghas-sentenza bl-aktar mod spedit sabiex ikun jista' jidhol jiskonta s-sentenza tiegħu u jirregola ruhu.

Illi fl-isfond ta' dan kollu l-kwistjoni finalment ġiet rimessa l-Qorti tal-Appell Kriminali li tat linji gwida ta' kif ghandu tabilhaqq isehh il-patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri.

Illi hawn id-difiza tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Mario Spanol deċiża mill-Qroti tal-Appell Kriminali sede inferjuri tas-6 ta' Jannar, 2005.

Hawn il-Qorti verbatim qalet hekk:

> *'... Mhux eskluż li anki quddiem il-Qrati (Qrati Inferjuri) il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu ikunu konkordi fuq sanzjoni jew miżura li ghandha tiġi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija."*

Illi din il-Qorti però fformalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' patteggjament quddiem il-Qrati inferjuri. Il-Qorti qalet:

> *'...Dan ikun irid jinġieb għal-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tinġieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza in open court jew permezz ta' xi att ġudizzjarju."*

Illi ghalhekk jidher li gew segwiti r-rekwiziti kollha enuncjati minn din is-sentenza peress li dan il-patteggjament ingieb a konjizzjoni tal-Magistrat sedenti fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2013 in open court.

Illi sussegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat biss illi l-Qorti mhijiex marbuta fl-ghoti tas-sentenza, u dan minkejja li sar il-patteggament imsemmi.

Illi madanakollu d-difiza tikkontendi li jekk se mai l-Ewwel Onorabbli Qorti kien jidhrilha li kellha tiddipartixxi minn dak il-patteggament, wiehed kien jistenna li l-appellant jiġi kkundannat piena li ghal tal-anaqas, tkun tqarreb lejn it-terminu pattwit miz-zewg nahat.

Illi dan l-element tas-sorpriza żgur li mhuwiex konformi mal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja li huwa pregudikali ferm għal-imputat.

Illi f'dan l-istadju l-appellant jgahmel referenza ghas-sentenza moghitja mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Lulju, 2012 mill-Imhallef Michael Mallia fl-Ismijiet Il-Pulizija vs Adil Hassar Mohammed, li verbatim qalet hekk:

> *'Veru illi l-Magistrat mhuwiex marbut ma dak illi jkun rakkomandat u jista` jeroga piena differenti minn dak patwiet. Pero`, huwa principju ta' gustizzja naturali illi meta dana jsir il-partijiet ghandhom jigu mgharfa minn qabel specjalment id-difiza illi m'ghandhix tkun zvantaggjata b'sorprizi illi dwarhom ma tista` taghmel xejn.'*
>
> *'Il-Magistrat jista` jaqbel jew ma jaqbilx ma dak patwit pero` meta ma jaqbilx ghandu jiddikjara n-nuqqas ta' aderzjoni tiegħu qabel ma tinghata s-sentenza sabiex id- difiza tkun f'posizzjoni illi taghti parir lill-akkuzat.*
>
> *Il-Qrati mhumiex qeghdin hemmhekk sabiex jaqbdu lil parti jew opra fuq sieq wahda, tiehu vantagg minn dan biex umbaghad b'sorpriza takkorda mizura jew sanzjoni li ma tkunx mistennija mill-partijiet.*
>
> *Jekk isir hekk, id-dritt ta' smiegh xieraq ikun ippregudikat mill-istess Qorti li tkun ikkreat sitwazzjoni ta' sorpriza ghad-difiza u ghal prosekuzzjoni b'konsegwenzi serji ghaz-zewg nahat.'*

Illi li hu żgur hu li kieku d-difiza kellha indikazzjoni li l-Qorti kienet sejra tiskarta dak il-ftehimli kien sar quddiemha, kienet tirregola ruha b'mod alternattiv u tiggwida lill-imputat mod iehor.

Illi ghal kuntrarju l-appellant xtaq illi dawn il-proceduri jiġu konklużi b'mod spedit sabiex wara li jiskonta s-sentenza tiegħu huwa jkun jista' jkompli jghix il-hajja tiegħu b'mod regolari, hekk kif kien jghamel fil-maggior parti l-kbira ta' hajtu, kif del resto jirrizulta mill-fedina penali tiegħu li ghalkjemm mhijiex netta, żgur li mhijiex partikularment allarmanti.

Illi di piu' d-difiza tissottometti illi din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatt illi llum l-imputat huwa hieles minn kull vizzju li huwa seta kellu.

Illi kien għalhekk li l-appellant illimita ruħu ghas-sottomissjonijiet dwar il-piena nflitta f'dan l-umli appell tiegħu.

Ikkunsidrat:

Kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat l-appellant kien akkuzat illi fil-hamsa (5) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011) u fis-sitt (6) xhur ta' qabel forna jew ipprokura d-droga kokaina minghajr ma kellu l-licenzja, ittraffika, biegh u qassam id-droga extacy u kellu fil-pussess tieghu d-droga extacy minghajr awtorizazzjoni specjali mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika f'tali cirkostanzi illi juru illi ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, kien fil-pussess tad-droga kokaina ukoll f'cirkostanzi li juru illi ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, kien fil-pussess tad-droga extacy minghajr awtorizazzjoni, ukoll fil-pussess tar-raza tal-pjanta kannabis, kien fil-pussess ta' medicina psikotropika u specifikata Amfetamina minghajr awtorizazzjoni u fl-ahharnett illi ikkommetta dawn ir-reati gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew xi post simili fejn jiltaqghu z-zghazagh.

L-appellant irregistra ammissjoni fit-tieni seduta tal-24 ta' Mejju 2013 u l-ufficcjal prosekutur informa lill-Qorti illi l-appellant ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante koperazzjoni effettiva mal-pulizija waqt l-investigazzjoni. B'din l-ammissjoni l-Qorti ma qaghditx tidhol fil-meritu ta' dan il-kaz u ghaddiet mal-ewwel ghall-konsiderazzjoni dwar il-piena fejn ghamlet elenku tad-droga misjuba u c-cirkostanzi illi nstabet fil-pussess tal-appellant u x'kien se jaghmel minnha skont ma ddikjara hu stess fl-istqarrija u ghaddiet biex tikkundanna lill-appellant tlett snin prigunerija effettiva u multa ta' elfejn u mitejn ewro (€ 2,200) oltre l-ispejjez tal-perizja.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi kien sar patteggament bejn id-difiza u l-Prosekuzzjoni li ngieb a konjizzjoni tal-Qorti u din ma tatx kas din il-patteggament. Di più fil-mori ta' dan l-appell dahal l-Att 4/2014 fejn gie awtorizat patteggament formali fil-qrati inferjuri u ghalhekk dan kellu jibbenefika reattivament lill-appellant. Argumenta illi minkejja illi t-tmintax-il xahar suggeriti

kienu fil-parametri tal-ligi, allura kellha tigi applikata. Di più, wara s-sentenza l-appellant kellu incident u sar dipendenti minn nies ohra u ma jista' jaghmel xejn. Dan l-incident biddillu hajtu kompletament.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza talbet illi tisma' x-xhieda tal-Ispettur Michael Bondin fejn dana xehed illi jiftakar illi kien sar ftehim mad-Difiza illi stante l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-kollaborazzjoni tal-appellant, il-piena giet suggerita f'terminu ta' tmintax-il xahar prigunerija. Riedu jivverbalizzaw dan il-ftehim però ghal xi raguni dana ma tnizzilx u l-verbal ma dahalx fl-atti. Qal ukoll illi l-Magistrat qaltilhom illi ma kinitx se thossha marbuta b'dan il-ftehim. Dan iddikjaratu bil-miftuh u kemm il-Prosekuzzjoni u d-Difiza kienu ben konxji tal-fatt illi s-suggeriment taghhom ma kienx se jigi milqugh mill-Magistrat. Fil-fatt ma kienx u l-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal tlett snin prigunerija oltre l-multa fuq indikata.

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi b'din id-decizjoni ikkreat sorpriza ghalih u ghall-Prosekuzzjoni u ikkwota in sostenn il-kawza deciza minn din il-Qorti kif preseduta Il-Pulizija versus Adil Hassan Mohamed tat-13 ta' Lulju 2012. Din il-Qorti qalet, "Il-Magistrat jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dak pattwit però meta ma jaqbilx ghandu jiddikjara n-nuqqas ta' aderzjoni tieghu qabel ma tinghata s-sentenza biex id-Difiza tkun f'pozizzjoni illi taghti parir lill-akkuzat." Dan huwa proprju dak illi ghamlet il-Qorti – avzat lill-partijiet specjalment id-Difiza illi ma kinitx se thossha marbuta bis-suggeriment li ghamlu l-partijiet. Dan ghamlitu qabel ma nghatat is-sentenza u d-Difiza b'hekk kienu f'pozizzjoni illi jaghtu l-parir li hemm bzonn lill-appellant; ma sar xejn bil-mohbi jew b'sorpriza. Il-partijiet kienu jafu illi l-Magistrat ma kintix ser thossha marbuta bil-ftehim. Kwindi din il-Qorti ma thosshiex illi ghandha ticcensura lill-Magistrat bil-mod kif imxiet, li kienet leali lejn id-Difiza li wara d-dikjarazzjoni tal-Qorti ma kellha l-ebda dritt tippretendi illi l-Qorti kienet se taderixxi ghas-suggeriment taghha u tal-Prosekuzzjoni. Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi michud.

Rigward l-Att 4/2014, introdott fil-mori ta' dan l-appell, il-Qorti tirrileva illi dan l-Att ippreskriva procedura specifika li tinvolvi ukoll lill-Avukat Generali ghal xi ftehim illi seta' jista' jsir quddiem il-Qorti Inferjuri. Din il-proceduri hija wahda "ad validitatem" illi ghandha tigi segwita f'kwalunkwe kaz u n-nuqqas taghha jwassal ghal nullament ta' kwalunkwe patteggament illi jkun sar biss bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza minghajr l-involviment tal-Avukat Generali.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz dan l-Att m'ghandux japplika u din il-Qorti terga' ttenni illi l-agir tal-Magistrat kien wiehed korrett u mhux censurabbli.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' piena karcerarja, din il-Qorti tirrileva illi dak inflitt mill-ewwel Qorti kien fil-parametri tal-ligi. Il-Qorti tat ir-ragunijiet dettaljati taghha il ghala kellha tasal ghal din il-piena u mhux piena ohra anqas jew iktar. U ghalhekk din il-Qorti thoss illi m'ghandhiex ticcensura l-ewwel Qorti anqas fl-ghoti tal-piena.

Fl-ahharnett l-appellant argumenta illi fil-mori ta' dan l-appell kellu incident serju illi gaghlu jkun dipendenti minn nies ohra. Din il-Qorti jiddispjaciha ferm ghal dan l-akkadut però m'ghandux jaffettwa la l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u lanqas il-piena inflitta, b'dana però illi tirrakkomanda lid-direttur tal-habs illi jiehu in konsiderazzjoni din is-sitwazzjoni tal-appellant sabiex jigi mizmum f'lok tal-anqas inkonvenjent ghas-sitwazzjoni tieghu. Jekk hemm bzonn issir kunsiderazzjoni ukoll ghac-centru forensi tal-Isptar Monte Carmeli. B'dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------